**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 13

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar

Lill Membri kollha tal-kunsill Lokali.

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-kunsill Lokali numru 13 li ser tinżamm fl-uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar **il-Tlieta 25 ta' Marzu 2025, fil-17:30 hrs**.
Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Sergio Carbonaro**
**Agent Segretarju Eżekuttiv** 18 ta' Marzu 2025

**Membri Preżenti**:

- Ċensu Galea — Sindku
- Christopher Vella Petroni — Viċi Sindku
- Alexander Aguis — Kunsillier
- Anne Fenech — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Rachel Williams — Kunsillier
- Alan Bugeja — Kunsillier
- Clevion Micallef — Kunsillier
- Joseph Matthew Attard — Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

**Skuzati** :
Sandra Gauci

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

**13.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Il- kunsill rċieva avviż ta' apoloġija mingħand il-kunsilliera Sandra Gauci.

**13.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 12**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Is-sindku għamel korrezzjoni biex tiġi ikkorreġuta s-sena u tinkiteb 2024 flok 2023 fil-*Financial Statements 2024*

Pproponiet il-kunsilliera Rachel Williams ġew sekondati mill-Viċi Sindku Chris Vella Petroni.

Il-kunsill Approva'

**13.3 Punti mill-minuti**

Ma Kienx Hemm

**13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-sindku aġġorna lill-kunsill dwar l-ewwel laqgħa ta' sotto kumitat dwar tabelli fil-lokalita .
Saret diskussjoni b'diversi suġġerimenti mill-kunsilliera preżenti.
Kien hemm qbil li l-proposti jintbagħtu lill- *Transport Malta* u hekk kif jiġu approvati jiġu n-nfurmati residenti qabel ma jsir it-tibdil.
Il-Kunsill Approva

Is-sindku nforma lill-kunsill li kien hemm talba mill *European Cities Against Drugs* jekk il-kunsill kienx interessat biex iħallas il- *membership* għas-sena 2025 kif sar f'snin ta' qabel.

Għall-approvazzjoni ppropona il-Kunsillier Alan Bugeja u s-sekondat il-Kunsilliera Anne Fenech.
Il-kunsill Approva

Is-Sindku saqsa l-kunsilliera preżenti jekk mhumiex interessati flimkien mal-staff tal-kunsill li jiltaqgħu mal Profs Mark Xuereb u biex wieħed jkun aktar nformat dwar Saħħa Mentali.

Kien hemm qbil biex jitkellmu mal-Profs Mark Xuereb u tiġi stabbilita data.

Is-sindku nforma lill-kunsill dwar talba mill-għaqda tal-festa biex jitpoġġew slaleb fit-toroq f' żmien l-festi tal -Għid . Din sena talba hija ta €1000.

Ippropona Is-sindku u s-sekonda Clevion Micallef
Il-Kunsill Approva

Is-sindku rrefera għal talba mis-Soċjetà Mużikali San-Pawl li ha torganizza 10 servizzi mużikali madwar Buġibba u l-Qawra bejn ix-xhur ta' Ġunju u Settembru 2025. Min-naħa tas- Soċjetà talbu l-permessi kollha neċessarji mill-Kunsill Lokali, u kif ukoll li l-attività tibbenifika min Cir AKL 2023/045 LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal billi jiġu pprovduti żewġ uffiċjali mal-banda għal 10 servizzi. Is-sindku qal li dwar din talba biex il-kunsill jħallas uffiċjali ta Lesa, qed jistenna risposta mir- Regjun fuq din l-iskema partikolari.

Kien hemm qbil Is-Sindku jaġġorna lill- kunsilliera xi jkun ġie deċiż fil-laqgħa tal-Reġjun.

Is-sindku ppropona u s-sekondat Clevion Micallef.

Sindku aġġorna lill-kunsill li Sur Adrian Mifsud li jieħu ħsieb *tenders,* ipprepara tenders għal dak li jirrigwardjaw xogħolijiet u tiswijiet żgħar ta' toroq.

Is-Sindku tkellem dwar RFQ għal *Health Saftey Officer,* li applikazzjoni għalqet u kellu jintgħażel wieħed mill-applikanti.

Is-sindku rrefera għal tender tal-*contractmanage*r li wasal biex jiskadi u Sur Adrian Mifsud ipprepara tender għal kuntratt ġdid. Kif jgħalaq it-tender jsir l-għażla meħtieġa.

Is-Sindku aġġorna lill-kunsill dwar ġnien tfulija. Il- ministeru bagħat lura li ser tiddaħħal klawsola fil-ftiehem ma Burmarrad Futball Club li jintrabat li l-ispazju tal-ġnien jżommu pubbliku fil-ħinijiet kif kien stabbiliti qabel ma ġie trasferit lill-Burmarrad Futball club.
Il-kunsilliera Anne Fenech staqsiet jekk mhux ha nieħdu xi haġa lura għal dak li jirrigwarda spejjez ta' xogħolijiet li saru mill-kunsill. Is-sindku wieġeb li sa issa risposta kienet f'negattiv.
Rigward il-flus mill-skema tal-ġonna mid-dipartiment li dawn jammontaw madwar €30,000, Is-sindku żied li wieħed jistenna forsi dawn għallinqas jiġu rkuprati.
Il-kunsillier Clevion Micallef staqsa jekk il-ġnien ma jibqax miftuħ b'mod regolari u l-kunsill x'jista' jagħmel minn-naħa tiegħu? Is-sindku wieġeb li l-Kunsill kulma jista' jagħmel jirrapporta lill-Ministeru.
Il-kunsill qabel unanimament.

Is-sindku rrefera għal dak li gie rrapportat fuq il-medja soċjali dwar il-ftiehem, li l-kunsill kellu ma kumpanija privat li toffri servizzi tiegħu fuq IT. Is-sindku qal li din kienet *direct order* mill-kunsill preċedenti u dan l-ftiehem ser jiskadi f'6 ta' Mejju 2025. Is-sindku żied li meta ra l-minuti fuq dan il-ftiehem imkien ma kien hemm msemmi li saret xi sejħa biex jingħataw servizzi fuq IT imma li kien sar *agreement* ma din l-kumpanija privata.
Is-sindku kompla li sar *post* fuq il-paġna tal- kunsill biex jippromovu dan servizz għal-residenti mingħajr hu stess ma kien jaf. Is-Sindku kompla li kif sar jaf waqqaf minnufih dan il-post.

Is-sindku aġġorna li latrini bdew joperaw mill-kuntratturi l-ġodda , u saħaq li sa issa mhux sodisfatt b'servizz li qed jingħata. Is-sindku nforma li għal dak li jikkonċerna tiswijiet ta' materjal ha jinxtara mill-kunsill u ħarġet RFQ, filwaqt li xogħol kollu li hemm bżonn fil-latrini kollha fil-lokal ser tinħareġ RFQ oħra.

Il-kunsillier Joseph Matthew Attard tkellem fuq kunċett ġdid ghal-latrini bħala *pilot project* dejjem jekk jkollu awtoritàzzjoni tal- kunsill biex latrina waħda jkollha faċilitajiet differenti. Il-faċilitajiet jkunu biex persuna tkun tista' tinħasel u jkun hemm użu ta'*washing machine*.
F'dan l-istadju kien hemm qbil li suġġett jiġi studjat iktar il-quddiem.

Is-sindku nforma lill-kunsill dwar ejmel li r-rċieva mill-avukat John Bonello dwar il-kaz ta Fra Ben Is-sindku talab il-permess biex jmexxu l-aġenda għal item **13.11** għax suġġett marbut l-istess kaz.
Il-kunsill qabel.
Is-sindku qal ntalab *online meeting* mal- *Compliance Directorate* fid-dipartiment tal-finanzi tal-kunsill lokali. Kienu preżenti Segretarju Eżekuttiv, l-Accountant tal-kunsill u Sindku nnifsu .Dan il-*meeting* ntalab wara awdituri tal-gvern irċevew rendikont finanzjarju tal kunsill għal 2024 u ġie nnotata l-ammonti kbar ta' flus li tħallsu u l-pożizzjoni finanzjara tal-kunsill wara li tħallsu ammonti kollha mill-kunsill fuq il-każ ta Fra Ben.
Is-sindku żied li waqt dan il- meeting ġie mistoqsi jekk il- kunsill mhux ha jfittex lill-persuni l-oħra involuti fil- każ. Is-sindku nforma lil *Compliance Directorate unit* li hekk kienet id-deċiżjoni tal-kunsill preċedenti kif ikkonferma wkoll il- kunsill attwali.
Il-kunsill approva din deċiżjoni biex jibdew jsiru diskussjonijiet mal-persuni konċernati.

## 13.5 Ħatra ta' Bord ta'dixxiplina

Is-Sindku issuġġerixxa li għandu jinħatar bord ta dixxiplina f'kas li jkun hemm bżonn jittieħdu passi dixxiplinarji fuq xi mpjegat tal -kunsill u ma jkunx Is-sindku li jiddeċiedi imma jkun il-bord maħtur apposta.

Fuq il-proposta tal-Kunsillier Joseph Matthew, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li tintalab C.V. u kondotta ta' kull min ser jagħmel parti minn dan il-bord.

Il-kunsilliera Anne Fenech issuġġerixxiet li jkun chairman tal-bord nnifsu li jagħżel il-persuni li hu jkun membri f'dan il-bord.
Kien hemm qbil li Is-sindku jiddiskuti mal-persuna li ha jmexxi il-bord fuq suġġerimenti li saru minn diversi kunsilliera.

## 13.6 Diskussjoni dwar 'Riżoluzzjonijiet Speċjali'

Is-sindku rrefera għal żewġ riżoluzzjonijiet li kienu tressqu quddiem dan il-kunsill mill-kunsilliera eletti f isem il-partit laburista li kienu jikkonċernaw it-tiżjin u latrini.

Is-Sindku qal li fuq riżoluzzjoni ta' tiżjin hu kien issuġġerixxa waqt il-laqgħa tal-kunsill li jitnaqqsu €500 min RFQ partikolari minħabba t-tiżjin ta' triq il -Pijunieri li kien sar tard ħafna mhux qabel il-15 ta' Diċembru. Is-Sindku nforma lill-kunsill li kuntrattur kien naqas minn jeddu l-ammont għal xogħol li ma sar qatt f triq qalb ta Gesu.

Dwar il €500 dawn tnaqqsu minħabba l'fatt li tiżjin f'triq kolp tal-Pijunieri dam ħafna biex sar.

Is-sindku rrefera għal riżoluzzjoni ta' latrini u x'kienet il-pożizzjoni ta' dipartiment tal-kunsill lokali wara li kienu ntbagħtu l-kuntratti lid- dipartiment. Il-korrispondenza kollha hija mehmuża mal- minuti ta din il-laqgħa.

Il-kunsilliera Anne Fenech saqsiet jekk m hemmx minuti li kellu jkompli l-Kuntrattur preċedenti sakemm joħorġu tenders l-ġodda wara li tender kien skada 2022.

Il-kunsillier Clevion Micallef qal li raġuni għalfejn ntbagħtet riżoluzzjoni speċjali li din kienet tikkonċerna li ejmel li ma kienitx ntbagħtet, allura f dan il-kas konna nivvutaw mod ieħor kieku tkellimna kif qed jingħad f'din l-laqgħa.

Is-sindku wieġeb li d-dipartiment kien ċar fuq din kwestjoni li ma stajniex nkomplu nħallsu mingħajr ma kienx hemm tender, u jista' jieħu passi kontra l-kunsill preċedenti u dan il-kunsill talli f'dawn l-aħħar xhur bqajna nħallsu lill-kuntrattur.

Is-sindku rrefera għal-pagamenti li ser jitressqu fl-istess laqgħa u li l-kunsill ma għandux jħallas pagamenti tal-latrina li ilha magħluq mit-13 ta Diċembru.

Il kunsillier Alan Bugeja qal li la darba kien hemm dawn l-ispjegazzjonijiet mid -dipartiment għandu jkun hemm qbil li l- kuntrattur preċedenti ma jitħallas. Il-kunsillier Bugeja qal wkoll li f dawn ċirkustanzi mhux ser jinsistu dwar dawn riżoluzzjonijiet.

Il-kunsill approva.

## 13.7 Aġġornament dwar il-proġett tal-pjazza ta' Bugibba

Il-kunsillier Alan Bugeja aġġorna lill-kunsill fuq il-proġett tal-pjazza, li bħalissa l-pjazza ta Bugibba hija responsabiltà tal-kunsill, fejn MTA għadha ma ikkonfermatx jekk mhux ha tieħu ħsieb il manutenzjoni ta' xogħol kollu li ha jsir fil pjazza b'mod partikolari l-Fontana li trid manutenzjoni kontinwu u barra minnek għandu jrid jsir *risk assessment* ħalli l-kunsill jkun kopert. Il-kunsillier Alan Bugeja issuġġerixxa li kull meta jsiru laqgħat dwar *udates* fuq il-progett tal-pjazza ma awtoritajiet jkun hemm Is-sindku jew kunsillier preżenti.

Il-kunsilliera Rachel Williams saqsiet biex f'kull laqgħa tal-kunsill jkun hemm *update* fuq xogħol tal-pjazza mill- kunsillier Alan Bugeja. Fuq din kien hemm qbil.

## 13.8 Bord ta' Tenders.

Item dwar il bord ta tenders ġiet posposta għal-laqgħa oħra

## 13.9 Promenade Pharmacy.

Is-sindku nforma lill-kunsill dwar korrispondenza li kunsill irċieva biex l-bankina quddiem l-ispiżerija tkun aċċessibbli għal persuni b' diżabilità u isir rampa ma tul tal-bankina.

F dan il-każ il-kunsill huwa mħarrek bħal xhud f kawża kontra sid.

Saret diskussjoni u kien hemm qbil li jekk sid jkollu il-permessi tal -Awtorità Ippjanar u dak kollu neċessarju sid jitħalla jagħmel xogħol kollu għall-ispejjeż tiegħu.

Il-Kunsill approva.

**13.10 Purċissjonjiet Ġimgħa Mqaddes San Pawl il-Baħar u Qawra**

Kien hemm qbil li joħorġu l-permessi li kienu qeghdin jiġu proċessati.

**13.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm

**13.13 Approvazzjoni ta'kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizz**

Ma Kienx hemm

**13.14 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq il pagament tal perit u saret diskussjoni dwar fuq il-kontijiet li hemm pendenti u Sindku ta' spjegazzjoni tagħhom.
Kien hemm qbil li fejn xogħol mhux komplut il- ħlas għandu jiġi miżmum.
Il-kunsillier Joseph Matthew Attard saqsa fuq il-pagamenti marbut ma transport.
Is-sindku wieġeb li ser tingħata spjegazzjoni fil-laqgħa li jmiss.
Rigward latrini kien hemm qbil li fejn kienu magħluqa ma jsirx ħlas.

Pproponiet il-kunsilliera Rachel Williams ġew sekondati mill-Kunsillier Alan Bugeja .

**13.15** Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.20 u aġġornat għal-Ħamis 24 t'April fil 17.30